**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 29 ta' Marzu 2017**

**Pulizija**

**Spettur Joseph Mercieca**

**Vs**

**Allan Grima**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Allan Grima, 34 sena, iben Anthony u Anna nee' Borg, imwieled Pieta' nhar is-26 ta' Dicembru, 1982, minghajr indirizz fiss, detentur tal-karta ta' l-identita' nru. 115783M;

Talli fil-lejl bejn is-6 u s-7 ta' Jannar, 2017, minn vettura Suzuki *Super Carry*, numru tar-registrazzjoni CAT 805, li kienet ipparkjata fi Triq Azzopardi, Marsa:

1) Ikkommetta serq ta' diversi oggetti, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija w disgha w ghoxrin euro w sebgha w tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Joseph Zammit u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

Fis-7 ta’ Jannar, 2017, u/jew fil-jum ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer:

2) Xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, liema valur t’oggetti ma jeccedix l-elfejn tlett mija w disgha w ghoxrin euro w sebgha w tletin centezmu (€2,329.37), sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Talli fis-7 ta’ Jannar, 2017, u/jew fil-jiem ta’ qabel, f’diversi inhawi ta’ Malta:

3) Saq vettura bil-mutur, cioe’ vettura Kia Avella, numru tar-registrazzjoni KIA 456, jew xort’ohra, ghamel uzu mill-istess vettura bil-mutur meta din ma kelliex licenzja valida tat-triq;

4) Saq l-istess vettura, Kia Avella, numru tar-registrazzjoni KIA 456, minghajr ma kienet koperta b’polza t’assigurazzjoni kontra r-riskji ta’ terzi persuni;

5) (IRTIRATA);

Talli fil-15 ta’ Jannar, 2017, u/jew fil-jiem ta’ wara, f’dawn il-Gzejjer:

6) Naqas milli jhares xi kundizzjoni mposta fuqu meta huwa kien mehlus mill-kustodja kif provdut fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 355AL tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fit-2 ta’ Frar, 2017, ghall-habta tat-3p.m., gewwa Hal Qormi:

7) Wara li ga kien ikkundannat f’Malta, ghal serq, jew ghal ricettazzjoni, nstab fil-pussess t’oggetti, cioe’ *glass breaker,* li ma kienx tal-kundizzjoni tieghu, minghajr ma ta’ kont sodisfacentita’ kif kien gie legittimament ghandu; inkella instabu ghandu ghodo ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta’ serraturi, minghajr ma ta’ kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu nstabu ghandu f’dak iz-zmien;

Talli fl-1 ta’ Frar, 2017, ghall-habta tas-1:45p.m., fi Triq Oscar Zammit, Hamrun:

7A) (MIZJUDA*) ikkommetta serq ta’ flus kontanti minn vettura tat-tip BMW, numru ta’ registrazzjoni COL 385, liema serq hu kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-dannu ta’ Colin Sciberras u/jew ta’ xi persuna/i u/jew ta’ xi entita’ u/jew entitajiet ohra;

7B) (MIZJUDA*) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe’ vettura tat-tip BMW, numru tar-registrazzjoni COL 385, liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt euro (€2500) izda izjed minn mitejn u hamsin (€250), u li saret ghad-dannu ta’ Colin Sciberras u/jew ta’ xi persuna/i u/jew ta’ xi entita’ u/jew entitajiet ohra;

8) Akkuzat ukoll talli kkommetta dawn ir-reati ta’ natura volontarja, w li whud minnhom igorru piena ta’ prigunerija, fil-perjodu operattiva ta’ *Probation* ai termini tal-Artikolu 7 tal- Kapitolu 446, Att dwar il-*Probation*, tal-Ligijiet ta; Malta, li gew imposti fuqu bi tlett sentenzi definittivi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), datati 9 ta’ Marzu, 2016 (Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.), 14 t’Ottubru, 2015 (Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.) w ohra datata 17 ta’ Marzu, 2015 (Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.D.);

9) Fl-ahhar nett, akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini ta’ l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li huwa ga nstab hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi huma definittivi.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f’dawn il-proceduri, fid-29 ta’ Marzu 2017, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261, 267, 270, 271(g), 279(a), 280(1), 281(b), 287, 289, 325(1)(b), 334(a) u 355AL(3)(5)(6) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikolu 3(1)(1A)(2)(2A)(3) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta w Artikoli 7 w 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah ghal ghaxar (10) xhur prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**